MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 74

[Nhar il-Ħamis 25 t' April 2019]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' fil-boardroom tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz '283/1 Rue D'Argens', fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Jeremy Cardona– Kunsillier
Graziella Attard Previ – Kunsilliera
Wayne Hewitt – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

N/A

ASSENTI

N/A

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku ppreseda l-laqgħa fis-6pm.

## 74.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

74.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija

## 74.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

74.2.1 Il-Minuti ġew approvati

## 74.3 Korrespondenza mas-Sindku

74.3.1 Landscaping: Is-Sindku spjega li hemm inizjattiva biex isir landscaping ta' parti mill-iskola fejn hemm id-dħul minn naħa ta' triq il-Madonna tal-Ġebla. Żied illi rċevejna stima għall-prezz ta' €198. Il-Kunsill qabel.

74.3.2 Heritage: Il-Kunsill ġie nformat li l-anzjana jistgħu japplikaw għal passaport fejn jidħlu l-mużewijiet kollha tal-Heritage b'xejn. Il-Kunsill approva li nidħlu fl-iskema.

74.3.3 Gzira Day: Il-kunsilliera ġew informati dwar il-mistednin tas-serata, kif ukoll dwar it-traffic management waqt l-attivita. Il-kunsilliera qablu mall-informazzjoni.

74.3.4 Alexander Zammit: L-event organizer tal-Kunsill kiteb ittra fejn spjega x-xogħolijiet kollha li għamel matul is-snin u talab ringrazzjament għax-xogħol illi għamel. Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi ma jħossx illi hemm għalfejn jiffirma u ma jistax jifhem l-iskop għall-ittra. Il-kunsilliera Graziella Attard Previ qalet illi m'għandix diffikulta tiffirma.
Il-Kunsill se jibgħat ittra ta' rikonoxximent.

## 74.4 Mistoqsijiet tal-kunsilliera

74.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ma rċieva l-ebda mistoqsija qabel il-laqgħa.

## 74.5 Rapporti

74.5.1 **Niċċa**: Il-kunsilliera ġew informati li x-xogħol fuq in-niċċa kwazi lesta fejn issa lestejna x-xogħol tal-membrane u zebgħa. Is-Sindku spjega li qegħdin nirċievu stimi biex nieħdu ħsieb il-barrier.

74.5.2 **Gzira Day:** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bagħtna l-leaflets u l-applikazzjonijiet għan-nominazzjoni tal-Premju Ġieħ il-Gżira. Bħala Bord tal-Għażla l-Kunsill qabel li għandna nibagħtu lis-sur Tony Cassar Darian, is-sur Micallef St. John, is-sur James Rizzo, is sinjura Censina Attard u s-sur Tony Bonnici.

## 74.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

73.6.1 N/A

## 74.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

74.7.1 Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti.

## 74.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

74.8.1 Il-laqgħa intemmet fis-7.30pm u ġiet aġġornata għal wara l-elezzjonijiet.

Konfermati, illum l-Erbgħa 5 ta' Ġunju 2019

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Anthony Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |